MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 287/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Yannic Fenech bin Emanuel u Rita nee' Agius, imwieled fil-21 ta' Dicembru, 1986 u residenti BLK A1, Entrance B, Flat 3, Triq id-Dawr, Qasam tad-Djar, Mosta, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 18687(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Yannic Fenech li gie akkuzat talli nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008), matul il-gurnata f' diversi lokalitajiet ta' Malta u Ghawdex u partikolarment ghal

habta ta’ 12:15hrs fi Triq is-Sellum, u f’ dawn l-inhawi fir-Rabat, Ghawdex:-

1. waqt l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar ikkacja jew ipprova jikkacja xi ghasfur u garr munizzjon u arma tan-nar senter tal-marka Pietro Beretta mumru tar-registrazzjoni U45373E barra mill-ghata taghha;
2. talli fl-istess data ghal habta ta’ 12:15hrs fi Triq is-Sellum, Rabat, Ghawdex waqt li kien f’ vettura DBB 869 kellu fil-pusses tieghu u garr l-istess arma tan-nar, ikkargata u barra mill-ghata taghha jew mar idur ghal xi ghasfur jew ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur;
3. talli fl-istess data, hin u post ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur billi uza, gar u kellu fil-pussess tieghu senter semi-awtomatiku b’ kompartament ghall-iskratacc li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta’ munizzjon;
4. talli f’ diversi partijiet ta’ Malta kif ukoll f’ Ghawdex partikolarment ghal habta ta’ 12:15hrs fi Triq is-Sellum, Rabat, Ghawdex go vettura DBB 869, zamm u garr apparat elettriku jew elettroniku (pre-recorded Bird Caller) li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht is-subregolament (1) (d) tar-Regolament 7;
5. talli fl-istess data, hin u post kien fil-pussess ta’ skratacc ikkargati b’ xi comb ta’ diametru akbar minn 3.3mm;
6. u talli bhala persuna li ghandu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex ikollu fil-pussess tieghu senter tal-marka P. Beretta U45373E u munizzjon, naqas li zzomm dawn l-oggetti fil-kustodja tieghu b’tali mod li dawn ma jigux f’ idejn haddiehor;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ l-Artikoli 18 (1) (a), 17, 7(1) (k), 7 (1) (d), 22, tal-Avviz Legali 79/2006 u l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 480;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-fedina penali tieghu tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf ewro (€1000) liema ammont ghandu jithallas f’rati mensili ta’ mitt ewro (€100) fi zmien ghaxar (10) xhur bl-ewwel pagament dovut sal-31 ta’ Ottubru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------